MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 3/2008

**Il-Pulizija**
**(Surg. Jason Grima)**
**Vs**
**Charles Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi w li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, naqas milli jhallas il-manteniment dovut lil Doreen Bugeja ghaz-zewg uliedha minuri li jammonta ghal LM75 pagabbli ghax-xhur ta’ Settembru 2007 u Ottubru 2007.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Jannar , 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati izda lliberatu bil-kundizzjoni

li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Barra minn hekk il-Qorti ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta’ LM 150 (mija w hamsin lira Maltin) ekwivalenti ghal Euro 350.00 (tlett mija w hamsin Euro) bhala manteniment dovut lil Doreen Bugeja fi zmien xahar, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kaptiolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta’ Jannar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- 1. li fl-ewwel lok mart l-appellant abbandunat lil ulieda minuri w ma tistax ragjonevolment tippretendi li tithallas manteniment meta mhu qed taghmel ebda spejjez sabiex thallas ghall-htigijiet tal-istess minuri. 2. Li s-sentenza hija skorretta w inkompleta ghax ikkundannat lill-appellant ihallas f' valuta li m'ghadhiex tezisti w ma indikatx ezatt ic-cifra tal-Euro li huma ekwivalenti ghal dik li kienet lira Maltija w ghalhekk hu gie kundannat sabiex ihallas somma li m'ghadhiex tezisti. 3. Is-sentenza appellata hija wkoll nulla ghax ma gietx segwita l-procedura li jesigi l-Artikolu 22 (3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghax qabel ma ghamlet l-ordni l-Ewwel Qorti ma fissritx lill-appellant, bi kliem li jiftiehem sew, li jekk hu jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu tal-liberazzjoni kondizzjonata, jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali

Semghet ix-xiehda ta' Doreen Bugeja;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Doreen Bugeja , mart l-appellant, xehdet li issa l-appellant qed ihallas il-manteniment regolarment u fadallu jhallasha biss ta' Ottubru w Novembru, 2007.

In kontroezami x-xhud qablet li l-manteniment kien ghat-tfal u mhux ghaliha. It-tfal mhux maghha w jorqdu mal-appellant u jiehu hsiebhom hu w l-mantenimnent li qed jatiha ghall-hajja, ghaliha w, meta jigu t-tfal, taghmillhom l-ikel.

Ikkonsidrat;

Li fil-kors tat-trattazzjoni orali l-abbli difensur tal-appellant ipprova jintroduci aggravju iehor fis-sens li fil-waqt li l-komparixxi w s-sentenza appellata jirriferu ghal nuqqas ta' hlas ta' manteniment lill-imsemmija martu, ghaz zewg uliedha minuri, fil-fatt dan il-manteniment kien dovut lilha ghal bzonnijiet taghha.

Issa hu pacifiku fil-gurisprudenza li mhux permissibbli li mall-aggravji kontenuti fir-rikors tal-appell jizdiedu aggravji godda li ma jkunux issemmew fir-rikors tal-appell. Dan ghaliex kif gie ritenut il-Qorti ma tistax tikkonsidra difizi li ma gewx espressament imqajjma bhala aggravji fir-rikors tal-appell. (ara App. Krim**. "Il-Pulizija vs. Nicholas Debono"** [30.9.1994] u ohrajn. ) Illi hu evidenti li l-motivi tal-appell indikati ghandhom ikunu specifikati w konkreti u mhux semplici dikjarazzjoni ta' idea vaga w indeterminata li tirrendi necessarja tfittxija biex il-gudikant jistabilixxi n-natura vera tal-motivi ta' l-appell; ghax inkella l-motiv ma jkunx jiftiehem u ma jissodisfax l-iskop li ghalih huwa intiz mill-ligi. Gie ritenut li *"il-motivo e' specifico quando circoscrive il punto della decizione su cui e' richiamata l' attenzione del giudeice al gravame, ed individua in modo, sia pure succinto, ma preciso, gli elementi di fatto e di diritto che stanno a base di una concreta censura."* (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Mario Joseph Bonello**" [11.11.1994]; **"Il-Pulizija vs. George Felice"** [11.10.1995] u ohrajn.)

Illi f' dan il-kaz fir-rikors ma jissemmiex b' mod car u specifiku dan l-aggravju li jirrigwarda ghal min kien dovut

il-manteniment u kull ma jintqal hu : *"…..illi mart l-esponent abbandunat lill-istess uliedha minuri u ma tistax ragjonevolment tippretendi li tithallas xi manteniment meta mhu qed taghmel l-ebda spejjez sabiex thallas ghall-htigijiet ta' l-istess minuri"* .

Certament dan il-kliem qatt ma jista' jigi imgebbed b' mod li jigi estiz u imfisser bil-mod kif issa qed jisposta l-kwistjoni l-abbli difensur.

F' kull kaz id-Digriet li bih giet milqugha t-talba lill-Qorti Civili (Sezzjoini Familja) (Fol.3 u 4) biex dik il-Qorti *"tiffissa manteniment pagabbli lill-esponenti (Doreen Bugeja) ghaliha u ghat-tfal minuri"* jghid : *"Tordna lill-intimat ihallas manteniment lill-intimata fis-somma ta' Lm75  fix-xahar"* bla ma jispecifika hux ghaliha biss jew ghat-tfal biss jew ghat-tnejn. Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti wara li sabet htija ordnat lill-appellant biex ihallas LM150 bhala manteniment dovut lil Doreen Bugeja, kif issa qed jippretendi li kellu jkun l-appellant f' dan l-aggravji li qed jipprova jzid f' dan l-istadju.

Ghalhekk, apparti li mhux korrett l-appellant meta jghid li l-manteniment ordnat kien ghat-tfal, ma kien hemm xejn manifestament irregolari fl-abbozzar tal-komparixxi w inqas u inqas fid-dicitura tas-sentenza appellata.

Illi ghar-rigward tal-ewwel aggravju msemmi fir-rikors tal-appell, jekk jista' jissejjah hekk, din il-Qorti ripetutament irriteniet li ma sservix ta' qorti ta' appell minn sentenzi jew digriet ta' qrati ta' kompetenza civili w jekk l-appellant ghandu xi lanjanza dwar il-kjarezza jew il-portata tad-digriet esebit, irid jirrikorri quddiem il-Qorti li minnha emana biex jitlob li jigi varjat jew emendat. Sakemm dan isir, jibqa' tenut li jhallas dak li gie ordnat li jhallas.

Hekk din il-Qorti diversament preseduta  fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar**" [2.9.1999] kienet irriteniet  testwalment li:-

*......"Din il-Qorti  wara li rat is-sentenzi  (**Pol. vs. Lawrence Cutajar** - 10.3.1995 u **Pul. vs. Carmelo***

***Farrrugia** 23.1.98 ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant. Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ……….*

*kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null . "*

*"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-*

*1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)*

*2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma. Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li*

*dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni."*

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza u bl-istess mod din il-Qorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellant meta ddecieda li ma jhallas xejn ghax-xhur ta' Settembru w Ottubru, 2007 u ghalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab hati gustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-validita' tal-ordni ghall-hlas tal-arretrati ghax-xaharejn fuq imsemmija. Jigi fl-ewwel lok rilevat li il-komparixxi nharget fit-3 ta' Novembru, 2007, meta l-valuta legali f' Malta kienet ghadha indubbjament il-lira Maltija. Ghalhekk il-komparixxi korrettement issemmi l-ammont ta' *"Lm75 pagabbli ghax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2007"*

Gara pero' li sa meta nghatat is-sentenza appellata fis-7 ta' Jannar, 2008, il-munita legali inbidlet fl-Ewro u

ghalhekk strettament l-ordni ghall-hlas kellu jsir bil-munita l-gdida w b' dan li ikun imsemmi l-ekwivalent f' liri Maltin, (ghall-inqas sa Gunju, 2008). Ghalhekk l-appellant ghandu ragun f' dan l-aggravju, pero' dan ma jgibx in-nullita' tas-sentenza appellata - kif qed jissottometi l-appellant - imma se mai riforma tal-istess sentenza biex l-ordni jsir fil-valuta' issa legali f' Malta bl-ekwivalent f' liri Maltin. Fejn in-nullita' ma tkunx espressa fil-ligi, mhux il-kaz li l-atti jigu annullati.

Illi fis-sentenza recenti taghha fl-appell kriminali **"Il-Pulizija vs. Russell Bugeja**" [29.2.2008] din il-Qorti diversament preseduta mill-Prim' Imhallef Dr. V. DeGaetano rriteniet li :-

"*Kif inhu risaput, l-eccezzjoni tan-nullita` ta' att fil-kamp tal-procedura penali hija, bhala regola generali, ammissibbli biss fejn il-legislatur jikkomminaha, anke jekk indirettament, f'forma ta' terminu jew ta' htiega formali ohra li min-natura taghha stess ikun evidenti li hija essenzjali -- ez. l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali abbinat mat-tieni parti tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428; jew id-dikjarazzjoni mahlufa ghall-finijiet ta' l-Artikolu 422(1) tal-Kap. 9 -- jew fejn il-legislatur espressament isemmi n-nullita` jew sanzjoni ohra analoga -- ez. l-Artikoli 419(1) jew 597(4) tal-Kap. 9. Mill-bqija, u salv xi cirkostanza eccezzjonali, ghandhom jipprevalu l-massimi* ***interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat*** *u* ***benedicta est expositio quando res redimitur a destructione****……"*

Ghalhekk dan l-aggravju ser jigi milqugh limitatament biex is-sentenza appellata tigi riformata konformement ma dak li ghadu kif intqal u anki biex jittiehed kont li fil-mori tal-appell jirrizulta li l-manteniment dovut mill-appellant ghax-xahar ta' Settembru, 2007 issa thallas.

Illi dwar it-tielet u l-ahhar aggravju ma jirrizultax bhala fatt mill-verbali registrati tal-udjenza tas-7 ta' Jannar, 2008 (fol. 2) u mill-original tas-sentenza miktub mill-Magistrat (fol. 1) u mill-kopja traskritta tas-sentenza appellata (fol. 10 u 11 tal-process) li kien gie spjegat lill-appellant li jekk

hu jerga' jinstab hati entro l-perijodu tal-liberazzjoni kondizzjonata, hu jista' jigi kundannat ghar-reat mertu ta' din il-kawza.

Illi s-subartikolu (3) tal-artikolu 22 tal--Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta - l-Att dwar il-Probation, jiddisponi li qabel ma taghmel ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-Qorti ghandha tfisser lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk hu jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hu jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Dan ma jirrizultax li sar f' dan il-kaz pero' anki hawn ma hemm ebda nullita' komminata espressament mill-ligi jekk dan ma jsirx. Pero' hemm ukoll lok li dan l-aggravju li hu in parti ben fondat, jigi ndirizzat fl-erogazzjoni tas-sentenza kif ser tkun minn din il-Qorti riformata, b' dan li din it-tifsira jew spjegazzjoni issir minn din il-Qorti f' dan l-istadju.

Fl-ahhar nett, peress li kif gja gie accennat *supra*, rrizulta li fil-mori tal-appell, l-arretrati ta' manteniment ghax-xahar ta' Settembru, 2007, thallsu, hemm lok li l-ordni li ghamlet l-ewwel Qorti jigi varjat biex jirrifletti dan l-izvilupp.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell bil-mod kif gej u cioe' billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w in kwantu lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta w tirrevokaha in kwantu ordnat lill-appellant li jhallas is-somma ta' mija w hamsin lira Maltin, LM150 ekwivalkenti ghal Euro 350 bhala manteniment dovut lil Doreen Bugeja fi zmien xahar, ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta w minnflok tordna lill-appellant li fi zmien xahar mill-lum ihallas lill martu Doreen Bugeja is-somma ta' mija u erba w sebghin Euro u sebghin centezmu , ekwivalenti ghal hamsa w sebghin lira Maltin (LM75) li ghadhom dovuti ghax-xahar t' Ottubru 2007, biss, ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre a tenur tas-subartikolu (3) tal-artikolu 22 tal--Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta - l-Att dwar il-Probation, il-Qorti fissret lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew li jekk hu jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' xahar ta' liberazzjoni kondizzjonata, li jibda' jiddekorri mil-lum, hu jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------